IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-26 ta' Mejju, 2026

Rikors numru: BCT/102/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Raymond Scicluna

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors t'appell preżentat mill-appellant Raymond Scicluna li permezz tiegħu huwa talab sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar il-25 ta' Ottubru, 2025, li permezz tagħha il-Kumitat għall-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni irrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant għall-liċenzja ta' Kuntrattur skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09, tiġi riveduta.

Ra li l-avviż ta' deċiżjoni dwar rifjut indika li l-applikazzjoni ma kinitx kompluta minħabba nuqqas ta’ dokumenti li juru kompetenza u evidenza ta' minn tal-inqas tlett (3) snin esperjenza b’referenzi ta’ mill-anqas żewġ (2) proġetti kompluti relatati mas-sena soġġetta għal din l-applikazzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ intimata preżentata mill-Avukat Dustin Camilleri, li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspekt;

2. Illi apparti dak indikat fil-liġi sabiex applikant jkun jista' jitqies li huwa eliġibbli, wieħed wkoll jrid juri li huwa kompetenti fl-aspetti li jkun qiegħed japplika għalihom;

3. Illi umilment qiegħed ikun sottomess li l-kwistjoni hija verament sempliċi u ċioe' li l-appellant naqas milli jipprovdi d-dikjarazzjoni neċessarja lil kumitat, eżattament naqas fi żmien tal-applikazzjoni li juri żewġ (2) proġetti dikjarati min Perit/i liema kellu involviment lavorattiv. L-Awtorita' nnutat ukoll li l-appell sottomess huwa nieqes min kull raġuni formali ta' appell;

4. Illi in sostenn ta’ dan qiegħdin jkunu annessi u mmarkati bħala DOK BCA1 u DOK BCA2 Affidavits tal-uffiċjal tal-Aqtorita’ flimkien ma Trail of Events immarkati bħala Dok TE1a u Dok TE1b;

5. Għaldqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita’ appellate qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal, b’mod partikolari l-minuti tas-seduta tas-16 ta’ April, 2026, fejn it-Tribunal innota li minkejja li nqabeż il-ħin skedat, l-appellant ma deherx għat-tieni darba konsekuttiva. Għaldaqstant, it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi magħluq, filwaqt li d-difiża tal-Awtorità ddikjarat li qed tistrieħ fuq id-dokumenti eżistenti fl-atti.

Ra li l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum is-26 ta’ Mejju, 2026.

Ikkunsidra:

Id-deċiżjoni in kontestazzjoni mill-Kumitat għall-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni hija bbażata fuq il-fatt li l-appellant naqas milli jipprovdi prova ta' **"Kompetenza u evidenza ta' minn tal-inqas tlett (3) snin esperjenza b'referenzi ta' mill-anqas żewġ (2) proġetti kompluti"** kif rikjest taħt Skeda II tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09.

It-Tribunal għandu qabel xejn jinnota żewġ elementi proċedurali fundamentali li jaffettwaw b'mod dirett l-eżitu ta' dan l-appell.

Fl-atti tal-każ hemm email ċara u espliċita datata 27 ta' Novembru 2025, fejn l-appellant informa uffiċjalment lit-Tribunal li kien qed jagħżel li jerġa' japplika mal-Awtorità u li ma kienx ser jattendi għall-appell. Dan l-aġir u l-intenzjoni manifestata ġew ikkonfermati bil-fatti proċedurali, peress li l-appellant naqas milli jidher u jippreżenta ruħu quddiem dan it-Tribunal għal żewġ seduti konsekuttivi, inkluża l-aħħar seduta tas-16 ta' April 2026.

Minkejja li l-appellant ma ppreżentax nota formali ta' rinunzja skont il-formalitajiet stretti tal-liġi, l-ittra tiegħu flimkien man-nuqqas ta' dehra persistenti jammontaw għal abbandun de facto tal-proċeduri tal-appell. Minkejja dan it-Tribunal xorta ser jgħaddi sabiex iqis il-mertu u jiddeċiedi dan l-Appell.

Ikkunsidra

It-Tribunal, wara li qies il-provi prodotti, ma jqisx li l-appell odjern jista' jiġi milqugħ.

Huwa prinċipju kardinali li ***'onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat'.*** Huwa l-appellant li għandu l-oneru li jġib il-provi konkreti u jikkonvinċi lit-Tribunal li d-deċiżjoni tal-Kumitat kienet waħda skorretta.

Mhux biss l-appellant naqas milli jipproduċi provi matul is-seduti, iżda mill-istess dokumenti li jinsabu f'Dokument TE1a (partikolarment paġna 7) jirriżulta b'mod ċar li l-appellant ippreżenta referenza mingħand il-Perit Fabrizio Baldacchino li fiha hemm iddikjarat **proġett wieħed biss (1)** (PA/05469/23).

Skeda II tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09 timponi b'mod ċar u mandatarju li l-esperjenza trid tkun sostnuta b'referenzi ta' **mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti**. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-appellant kienet legalment defiċjenti fuq il-wiċċ tagħha u l-Kumitat m'għandux diskrezzjoni li jwarrab ir-rekwiżiti espliċiti tal-liġi.

B'hekk id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni kienet korretta u konformi mal-liġi f'kull aspett.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista' tas-suespost, jiċħad l-appell odjern tal-appellant Raymond Scicluna u konsegwentament jikkonferma d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni tal-25 ta' Ottubru, 2025.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru